RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa F32**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**L-Erbgha 14 ta' Settembru 2011 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |

**Sospensjoni tal-laqgħa**

Is-Sindku Sandro Craus talab is-sospensjoni tal-laqgha sabiex jigi diskuss item 8 fuq l-agenda. Huwa talab lill-'accountant' is-Sur Paul Bugeja sabiex jaghti spjega tal-'Quarterly Financial Report' (April – June).

Wara dan, il-kamra irritornat lura ghas-seduta u tkompliet l-agenda b' item 8

**8.00 Quarterly Financial Statments (April – June)**

8.01 Saret diskussjoni dwar dawn il-'Quarterly Financial Statements'. Is-Sindku ssugerixxa li kif gie diskuss aktar qabel fi stadju ta' kumitat l-kunsill ghandu jiehu l-parir tal-'accountant' is-Sur Paul Bugeja u jaghmel pressjoni fuq l-Green MT sabiex dawn ihallsu l-ammont ta' flus dovuti lil kunsill, liema ammont immur lura sa mil-Lulju li ghadda. Il-Kunsill qabel. Quarterly Financial Statements (April-June)

8.02 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-'Quarterly Report' jigi approvat hekk kif ipprezentat. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Kopja ta' dan il-'Quarterly Report' tinsab annessa ma' dawn il-minuti.



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

** Il-Kunsillier Robert Micallef dahal ghal-laqgha fis-7.35 p.m.

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F31**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F31 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F31

**2.00 Korrezzjonijiet F31**

2.01 Saret korrezzjoni tan-numri taht punt numru 22.00 ghal nru 13.00 u nru 13.01. — Korrezzjonijiet F31

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F31**

3.01 14.01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-applikant Cyrus Engerer kien infurmha li ma kienx ghadu interessat, filwaqt li l-applikant l-iehor PKF kien bghat l-ittra ta' kjarifikazzjoni lil kunsill. Is-Sindku qara l-ittra li kunsill ircieva minghand PKF. — Ghazla tal-Kwotazzjoni ta' EU Consultant

Is-Sindku qal li minkejja l-ispjegazzjoni li taw il-PKF huwa jixtieq jaghmel xi kundizzjonijiet jew arrangamenti ohra. Il-Kunsill qabel.

3.02 11.01 Is-Sindku talab lil Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jikkomunika mal-Kunsillier Frans Chircop sabiex ghas-seduta tal-kunsill li jmiss dan jaggornana xi progress sar dwar l-iskema ta' finanzjament ghal titjib fil-'playing fields' ezistenti. — Skema 'Playing Fields'

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

4.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva minghand Gafa Saveway Cleaners Ltd, il-lista ta' l-impjegati registrati tal-kumpaniji, mal-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig. Filwaqt li minghand Mach Clean Ltd il-kunsill baqa ma ircieva l-ebda korrispondenza. Il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni ghanda tinghata li Gafa Saveway Cleaners Ltd. — Ghazla tal-Kwotazzjoni ghat-Tindif ta l-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill

4.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li illum l-Erbgha 14 ta' Settembru kien infetah it-'tender' tal-katakombi ta' St. Wistin (Archaeotour). Hu kompla billi qal li l-passi li jmiss hu li l-kunsill jahtar tlett persuni li flimkien ma Heritage Malta ser ikun qeghdin jiggudikaw dan it-tender. Il-Kunsill iddecieda li l-Bord tal-Aggudikazzjoni ikun iffurmat kif gej: — Bord tal-Aggudikazzjoni (Archaeotour).

Is-Sur David Cardona (Heritage Malta)
Is-Sna. Orietta Masini Cardona (Kunsill Lokali Rabat)
Is-Sna. Faye Caruana (Perit ghal Kunsill Lokali Rabat)
Perit ghal Heritge Malta
Is-Sur Paul Grech/ Alexander Craus (Kunsill Lokali Rabat)

4.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva talba minghand l-organizzaturi tal-Festa ta' Santa Katarina V.M biex il-kunsill jipprovdi 'mobile toilet' tul l-jiem — 'Mobile toilets'

tal-festa'. Isseconda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

| | | |
|---|---|---|
| 4.04 | Is-Sindku pogga fuq l-mejda tal-kunsill, kwotazzjoni biex issir xoghol ghal tpoggija ta' planka u bini ta' zewg hitan tas-sejjiegh fi Triq l-Ghemmieri. Il-Kunsill approva x-xoghlijiet skond il-kwotazzjoni. | Xoghlijiet go Triq l-Ghemmieri |
| 4.05 | Is-Sindku pprezenta t-tender RLC/100/2001 – Maintenance of House Blocks. Huwa spjega li it-tender infetah illum l-erbgha 14 ta' Settembru, bi procedura normali, u peress li d-dipartiment tal-housing qed jinsisti li ix-xoghlijiet jibdew mil-akatar fis, huwa qed jipproponi li t-tender jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill u anke ghaliex dan t-tender huwa l-uniku wiehed mitfuh ghas-sejha li kien hemm. Il-Kunsill ivverifikka li t-'tender' jissodisfa l-kriterji kollha mehtiega u ghaldaqstant qabel unanimament li tigi approvata l-offerta tas-Sur Adrian Muscat. | Tender RLC/100/2001 Maintenance of House Blocks |

5.00 **Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

| | | |
|---|---|---|
| 7.01 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li jitellghu r-ritratti kif ukoll ir-rizultati kollha tal-'Motor Sports Festival' fuq il-website tal-kunsill. Il-Kunsill qabel | Komunikazzjoni mil-Kunsilliera |
| 7.02 | Il-Vici Sindku Doris Coleiro pproponiet li titnehha wahda miz-zewg 'reserved parkings' li hemm ta' Sawra u dan ghaliex ricentament saret 'reserved parking' ohra fit-tarf ta' Triq San Frangisk. Il-Kunsill qabel. | Reserved parking ta' Sawra u Triq San Frangisk |
| 7.03 | Il-Vici Sindku Doris Coleiro qalet li hemm bzonn li jinzabru xi sigar taz-zebbug. Wahda mis-sigar qeghda Triq San Frangisk fejn il-knisja ta San Frangisk u s-sigra l-ohra qed tghatti 'stage' tal-linja go Vjal il-Haddiem. Il-Kunsill qabel li dawn is-sigar ghandhom jinzabru meta ikun zmien iz-zbir. | Zbir ta' sigar |
| 7.04 | Il-Vici Sindku Doris Coleiro pproponiet li dak li qabel kien spazju uzat bhala 'bus lane' tas-saqqaja issa ghandu jigi utilizzat u irrangat f''parking bays'. Il-Kunsill approva. | Parking bays is-saqqajja |
| 7.05 | Il-Kunsillier Robert Micallef prezenta fuq il-mejda tal-kunsill ritratt biex jintbaghat lil Arriva flimkien mar-rapport li ser ikun qed jibghat il-kunsill. | Ritratt biex jintbghat mar-rapport lil Arriva |
| 7.06 | Il-Kunsillier Robert Micallef talab li jsiru l-'parking bays' go Triq il-Vjola. Is-Sindku nforma l-laqgha li diga saret l-applikazzjoni ma' TM. | Parking Bays go Triq il-Vjola |
| 7.07 | Il-Kunsillier Robert Micallef ppropona li jigu rrangati l-'parking bays' ta' Triq Doni l-Qadima biex jizdied l-ispazju ta' parkegg. Il-Kunsill qabel. | Parking Bays Triq Doni l-Qadima |
| 7.08 | Is-Sindku ssugerixxa li ssir 'site plan' tat-toroq kollha mil-perit, flimkien ma' rapport dwar il-'parking spaces' u jintbghatu lil TM. Il-Kunsill qabel. | Site plan tat-toroq |
| **7.09** | Il-Kunsillier Nazju Cassar talb li jitnaddaf l-isprall tal-ilma tax-xita li hemm Dingli Road faccata tax-xemgha, minhabba li dan jinsab mizdud u jekk taghmel ix-xita l-ilma kollu jinzel ghal Vjal il-Haddiem. Il-Kunsill qabel li dan l-isprall ghandu jitnaddaf mil-aktar fis possibli. | Sprall mizdud Dingli Road. |

**6.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Bahrija A11**

| | | |
|---|---|---|
| 6.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Bahrija A11 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Bahrija A11 |
| 6.02 | L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li fl-ahhar laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija gie ssuggerit li ssir petizzjoni mar-residenti tal-bahrija dwar il-problema tal-fossa. Il-kumitat qed jissugerixxi li din il-petizzjoni ghandha tintbghat lil 'Ombusman'. Il-Sindku ppropona li minn barra l-petizzjoni ghandha ssir ukoll konferenza stampa u li il-petizzjoni ghandha tintbghat ukoll lil membri parlamentari kollha. Il-Kunsill qabel. | Petizzjoni dwar il-fossa |
| **7.00** | **Minuti Kumitat Amministattiv tal-Virtu A12** | |
| 7.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A12 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Virtu A12 |
| **9.00** | **Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet** | |
| 9.01 | Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 200 tigi approvata. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. | L-iskeda tal-hlasijiet numru 200 |
| **10.00** | **Jum Ir-Rabat** | |
| 10.01 | Is-Sindku qal li f'Jum ir-Rabat morna tajjeb hafna u li kienet attivita sabiha li serviet biex it-talent Rabti juri l-hiliet tieghu. Hu kompla billi qal li l-kunsill ghandu ikompli jinvesti f'din il-gurnata tant important ghar-rabtin, hekk kif kien isir minn kunsilli precedent u dan minhabba l-fatt li jixraq li r-Rabat ikollu il-jum tieghu. | Jum ir-Rabat |
| **11.00** | **Rabat Motor Sports Festival** | |
| 11.01 | Is-Sindku qal li l-ewwel serata tal-'Motor Sport Festival' marret tajjeb hafna u li issa kienu qed issiru l-arrangamenti mehtiega ghal l-attivita li jmiss ta' nhar il-Hadd li gej li hija l-'Hill Climb'. Hu kompla li bhalissa fit-Triq tal-Imtahleb kien qeghed issir xoghol ta' 'patching' ghal din l-attivita. | Rabat Motor Sports Festival |
| **12.00** | **Xogholijiet Infrastrutturali** | |
| 12.01 | Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-kunsill l-istimi flimkien ma' programm ta' xoghlijiet infrastrutturali li qed jipproponi li jsiru fix-xhur li gejjien f'dawn it-toroq, Triq ta' Koronja, Triq Santa Katarina, Triq il-Lewz, Triq il-Landrijiet, Triq Bieb ir-Ruwa u Triq l-Lunzjata. Il-Kunsill approva.<br><br>Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li dawn ix-xoghlijiet ghandhom jigi certifikati min Perit. | Xoghol ta' 'patching' |
| 12.02 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jsir il-'patching' f'dawn it-toroq, Triq l-Imtahleb | |

(in-naha tal-Villa ta' Mintoff), Old Zebbug Road, Triq ic-Cawla, in-Nizla tal-Virtu min wara s-seminarju sal-Wied l-Isqof u Wied il-Qlejja. Il-Kunsill qabel li ssir stima ta' dawn xoghlijiet u tigi prezentata fis-seduta tal-kunsill li jmiss.

12.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li saret talba mil-bdiewa biex jsiru xi t-trejqiet bil-konkos li huma Wied l-Isqof, Chadwick Lakes u Tas-Salib. Il-Kunsill approva — Trejqiet bil-konkos

**13.00 Aggornament**

13.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 6 ta' Ottubru 2011 fis-7.00 p.m. — Aggornament

13.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.00 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**